



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Lulju 2021
(OR. en)

11028/2/21
REV 2

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0177(NLE)

PECHE 269
UK 183

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolamenti (UE) 2019/1919, (UE) 2021/91 u (UE) 2021/92 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd għall-2021 fl-ilmijiet tal-Unjoni u mhux tal-Unjoni Dikjarazzjonijiet li għandhom jiġu inklużi fis-sommarju ta' atti adottati bi proċedura bil-miktub bħala dikjarazzjonijiet li għandhom jiddaħħlu fil-minuti tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness id-Dikjarazzjonijiet li għandhom jiġu inklużi fis-sommarju tal-atti adottati bi proċedura bil-miktub bħala dikjarazzjonijiet li għandhom jiddaħħlu fil-minuti tal-Kunsill.

DIKJARAZZJONIJIET

Dikjarazzjoni mill-Belġju, id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, in-Netherlands u l-Iżvezja dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u tal-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 għal COD/03AN, COD/2A3AX4, COD/07D u PRA/03A fl-2021

Minħabba li l-bijomassa tal-istokkijiet COD/03AN, COD/2A3AX4 u COD/07D hija inqas mill-B_{lim} u li l-bijomassa tal-istokk ta' PRA/03A hija inqas minn B_{trigger} u sabiex jiġi żgurat l-irkupru tal-istokkijiet f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2018/973 u (UE) 2019/472, il-Belġju, id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, in-Netherlands u l-Iżvezja jintrabtu li ma jagħmlux użu mill-flessibilità interannwali skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u skont l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 fir-rigward ta' dawn l-istokkijiet fl-2021. Dan l-impenn huwa reazzjoni għaċ-ċirkostanzi eċċezzjonali attwali għal dawn l-istokkijiet.

Abbozz ta' dikjarazzjoni mill-Kunsill

Il-Kunsill jitlob lill-Kummissjoni biex tagħti segwitu lill-implimentazzjoni effettiva tat-tnaqqis tat-TAC mir-Renju Unit fil-kuntest tal-obbligu tal-ħatt, u biex tinforma lill-Kunsill sa mhux aktar tard mill-1 ta' Ottubru 2021 dwar l-applikazzjoni tal-metodoloġija użata mir-Renju Unit, u t-tnaqqis preċiż magħmul skont l-istokk. Jekk ma tkunx tista' tiġi pprovduta l-ebda informazzjoni adegwata sa dik id-data, il-Kunsill ser jiddiskuti kif għandu jipproċedi.